IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2022
SWD(2022) 650 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll

dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil (riformulazzjoni)

{COM(2022) 650 final} - {SEC(2022) 200 final} - {SWD(2022) 651 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Inizjattiva leġiżlattiva dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil (Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2021)

A. Bżonn li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

L-objettiv ewlieni tad-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil huwa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti fit-tul fl-Istati Membri. Dan huwa element ewlieni fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, objettiv fundamentali tal-UE. Għal dan il-għan, id-Direttiva tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu residenti legalment u kontinwament fi Stat Membru jistgħu jiksbu "*status* ta' residenti għal żmien twil tal-UE". Madankollu, kif diġà ġie enfasizzat fil-Kontroll tal-Idoneità dwar il-migrazzjoni legali tal-2019 u fir-r-rapport ta' implimentazzjoni, xi problemi mhux solvuti għadhom qed idgħajfu milli jinkisbu l-objettivi kollha tad-Direttiva. B'mod partikolari:

1) hemm għadd ta' **ostakli biex jinkiseb *status* ta' residenti għal żmien twil tal-UE** għal ħafna ċittadini ta' pajjiżi terzi, li għalhekk ma jistgħux jibbenefikaw minn dan l-*istatus* li jippermetti l-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti;
2) hemm **ostakli għall-integrazzjoni ta' residenti għal żmien twil** minħabba nuqqas ta' ċarezza u konsistenza fid-drittijiet mogħtija mill-*istatus* tal-UE;
3) iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permessi ta' residenza għal żmien twil tal-UE jiffaċċjaw għadd ta' **ostakli biex iħaddmu d-dritt ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra**.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-**objettivi tal-politika ġenerali** tal-inizjattiva huma:

1) il-garanzija li l-flussi migratorji fl-UE jiġu ġestiti b'mod effiċjenti permezz tal-approssimazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri;
2) il-garanzija ta' trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti legalment fl-UE;
3) it-tisħiħ tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE.

L-**objettivi speċifiċi ta' politika** jikkorrispondu għall-problemi ewlenin ta' hawn fuq u għandhom l-għan li:

1) joħolqu sistema aktar koerenti, effiċjenti u ġusta biex jinkiseb l-*istatus* ta' resident għal żmien twil tal-UE;
2) jiffaċilitaw id-dritt tar-residenti għal żmien twil li jiċċaqilqu u jirrisjedu fi Stati Membri oħra (mobilità intra-UE);
3) itejbu d-drittijiet ta' residenti għal żmien twil u dawk tal-familji tagħhom.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

L-objettiv li jittejbu l-użu u l-effettività tal-*istatus* ta' residenti għal żmien twil tal-UE ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri waħedhom. It-titjib ulterjuri ta' dawn il-proċeduri komuni jeħtieġ azzjoni mill-UE. Il-problemi identifikati hawn fuq x'aktarx li mhux se jgħibu malajr, u huma direttament relatati mar-regoli tal-liġi attwali. B'mod partikolari, regoli effettivi dwar il-mobilità intra-UE jistgħu jiġu definiti biss fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla preferita jew le? Għaliex?

Il-valutazzjoni tal-impatt tevalwa **erba' għażliet** b'livelli differenti ta' intervent mill-UE.

- **L-ewwel għażla** tinvolvi **azzjoni mhux leġiżlattiva** li għandha l-għan li ttejjeb kif id-Direttiva tiġi implimentata u tippromwovi l-*istatus* tar-residenti għal żmien twil tal-UE.
- **It-tieni għażla** tipprevedi **reviżjoni mmirata tad-Direttiva** li għandha l-għan li tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi mal-*istatus* nazzjonali u ttejjeb id-drittijiet tar-residenti għal żmien twil, inkluża l-mobilità intra-UE.
- **It-tielet għażla** tipprevedi **reviżjoni usa' tad-Direttiva** li tinkludi l-miżuri fit-tieni għażla u tiffaċilita wkoll il-kundizzjonijiet biex jinkiseb *status* ta' residenti għal żmien twil tal-UE.
- **Ir-raba' għażla** tipprevedi **reviżjoni leġiżlattiva estensiva tad-Direttiva** li toħloq *status* uniku ta' residenza permanenti tal-UE, li tabolixxi l-iskemi nazzjonali, u tagħti lir-residenti għal żmien twil id-dritt li jiċċirkolaw liberament fl-UE.

L-għażla preferita hija **t-tielet għażla**. Din tkun tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-problemi kollha identifikati u tittejjeb l-implimentazzjoni ġenerali tad-Direttiva. Għandha l-aħjar impatt soċjali u ekonomiku u hija l-aktar għażla politikament fattibbli.

Min jappoġġa liema għażla?

Il-**Parlament Ewropew** jiffavorixxi reviżjoni leġiżlattiva tad-Direttiva li tindirizza l-oqsma problematiċi kollha identifikati. Xi **Stati Membri** esprimew it-tħassib tagħhom dwar reviżjoni leġiżlattiva tad-Direttiva, filwaqt li oħrajn huma miftuħa għall-modifiki fit-tieni u fit-tielet għażla. L-Istati Membri kollha opponew li ssir reviżjoni estensiva. Il-biċċa l-kbira tal-**partijiet ikkonċernati** kkonsultati (is-soċjetà ċivili, is-sħab ekonomiċi u soċjali, u l-esperti tal-migrazzjoni legali) huma favur il-miżuri fit-tieni u fit-tielet għażla.

C. Impatti tal-għażla preferita

X'inhuma l-benefiċċji ewlenin tal-għażla preferita?

L-għażla preferita tinkludi ħafna miżuri li jindirizzaw il-biċċa l-kbira tan-nuqqasijiet identifikati fid-Direttiva fl-oqsma problematiċi kollha. Huwa mistenni li l-għażla preferita jkollha benefiċċji soċjali u ekonomiċi. Il-benefiċċji ekonomiċi huma bbażati fuq is-suppożizzjonijiet li aktar ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom aċċess għall-*istatus* ta' residenti għal żmien twil tal-UE bid-drittijiet korrispondenti, u proporzjon akbar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jmorru fi Stat Membru ieħor. Dan iwassal għal żieda kumplessiva fid-dħul mit-taxxa, żieda fil-produttività u l-infiq, u titjib fit-tkabbir ekonomiku. L-għażla ta' politika preferita ġġib aktar konsistenza mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
Fl-aħħar nett, l-għażla preferita mistennija tkun l-aħjar waħda biex tindirizza l-fehmiet xi drabi diverġenti tal-partijiet ikkonċernati (ara t-taqsima hawn fuq) u għalhekk hija l-aktar waħda politikament fattibbli.

X'inhuma l-ispejjeż ewlenin tal-għażla preferita?

L-ispejjeż stmati tal-għażla preferita jinkludu l-ispejjeż li ġejjin għall-Istati Membri:
- spejjeż amministrattivi ta' darba: EUR 781 000;
- spejjeż amministrattivi rikorrenti: EUR 151 000;
- spejjeż ta' konformità ta' darba: EUR 452 000;
- spejjeż ta' konformità rikorrenti: EUR 900 000.

Huwa stmat ukoll l-iffrankar rikorrenti segwenti tal-ispejjeż (bħala medja kull sena):
- L-Istati Membri: EUR 24 500;
- Ċittadini ta' pajjiżi terzi: EUR 1 145 000;
- L-impriżi tal-UE EUR 112 700.

X'impatt se jkun hemm fuq l-impriżi, il-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi?

L-opzjoni preferita tgħin lill-impriżi, b'mod partikolari l-miżuri biex tiġi ffaċilitata l-mobilità intra-UE. Min iħaddem, u b'mod partikolari l-SMEs, jibbenefika minn aċċess għal riżerva akbar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kwalifikati li diġà jirrisjedu legalment fl-UE.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli se jkollhom bżonn jadattaw il-proċeduri eżistenti u jiggarantixxu l-konformità mar-regoli l-ġodda minħabba l-mekkaniżmu ta' kundizzjonijiet ekwi, il-kundizzjonijiet emendati biex jinkiseb l-*istatus*, u l-miżuri għall-mobilità intra-UE. Madankollu, l-għażla preferita ġġib magħha simplifikazzjoni sinifikanti, li sa ċertu punt isservi ta' kontrobilanċ għall-ispejjeż amministrattivi u ta' konformità.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-għażla preferita se jkollha impatt pożittiv fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li se jibbenefikaw mill-miżuri li jintroduċu kundizzjonijiet ekwi. Se jkollhom għażla reali bejn il-permess ta' residenza għal żmien twil tal-UE u l-permessi ta' residenza nazzjonali għal żmien twil, ikunu jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiksbu l-*istatus* ta' residenza għal żmien twil tal-UE aktar faċilment, u jibbenefikaw minn titjib fid-drittijiet – fosthom drittijiet ta' mobilità intra-UE – u opportunitajiet ta' migrazzjoni ċirkolari.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

L-Artikolu 24 tad-Direttiva diġà jipprevedi obbligi ta' rappurtar, jiġifieri li l-Kummissjoni regolarment tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri u tipproponi emendi li tqis hemm bżonnhom. Dan il-prinċipju se japplika wkoll għall-modifiki fir-reviżjoni tad-Direttiva.